**4 ta' Lulju, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Edward Fenech *et*

*versus*

*Gaetano Spiteri*

**Azzjoni Redibitorja – Azzjoni Stimatorja – Preskrizzjoni – Dekadenza – Rinunzja għall-preskrizzjoni**

*Għall-fini ta' l-azzjoni stimatorja d-difett reklamat irid ikun kemm gravi kif ukoll okkult.*

*Skond l-artikolu 1431(1) tal-Kodiċi Ċivili, l-azzjoni stimatorja għal dawk li huma immobbli taqa' bl-għeluq ta' sena mill-kuntratt. Is-subartikolu 1431(2) imbagħad jiddisponi li jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żmien tal-prekrizzjoni ma jibdiex jgħaddi ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett;*

*It-terminu ta' sena biex ix-xerrej ikun jista' jġib 'il quddiem l-azzjoni tiegħu jibda jiddekorri minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef id-difett. Dan it-terminu huwa terminu ta' dekadenza u għalhekk huwa perentorju;*

*Biex il-kompratur jista' jsostni l-azzjoni tiegħu proposta wara d-dekors taż-żmien jeħtieġlu jipprova illi huwa, fiż-żmien utili, informa lill-venditur bil-vizzju tal-ħaġa u li dan, f'dan iż-żmien, ipprometta li jieħu l-ħaġa lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-eżistenza tal-vizzju. Ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur biex jissospendi d-dekadenza, irid ikun ċar, formali , espliċitu u inkondizzjonat.*

Il-Qorti: – Rat l-att ta' ċitazzjoni numru 73/84 G li bih premessi d-dikjarazzjoni neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni;

Premess illi l-atturi xtraw u akkwistaw mingħand il-konvenut it-terran "Mariella" illum Hibiscus House, Bursley Terrace, Swieqi, bil-prezz ta' Lm4,000, b'kuntratt tat-8 ta' Marzu, 1979 in atti Nutar Dottor George Bonello Dupuis;

Premess illi lill-atturi rriżultalhom li fl-istess fond hemm diversi difetti latenti kif ikkonfermati miċ-ċertifikat tal-perit Ronald Muscat Azzopardi ta' l-14 ta' Novembru, 1983;

Premess illi dawn id-difetti huma ta' tali entità li jammontaw għall-vizzju redibitorju, u li tant inaqqsu l-valur tal-fond oġġett

tal-vendità, illi kieku l-atturi kienu jafu bihom ma kinux jixtru, jew kienu joffru prezz iżgħar li kieku kienu jafu bihom;

Premess illi l-atturi jixtiequ jibqgħu jippossjedu l-fond fuq imsemmi, iżda l-prezz fuq imsemmi ta' Lm4,000 għandu jiġi ridott billi tiġi mnaqqsa parti mill-prezz li tiġi stabbilita minn din il-Qorti bl-opera ta' perit nominandi, biex dan it-tnaqqis jagħmel tajjeb għad-difetti latenti eżistenti fl-istess fond;

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. tiddikjara li dawn id-difetti fil-fond terran Hibiscus House, ġa Mariella, f'Bursley Terrace, Swieqi li l-atturi xtraw mingħand il-konvenut, jammontaw għall-vizzju redibitorju, u illi kieku l-atturi kienu jafu bihom, kienu joffru prezz iżgħar minn dak miftiehem ta' (Lm4,000) erbat elef lira;

2. tillikwida dik il-parti mill-prezz bħala ekwivalenti għad-difetti riskontrati fl-istess fond fiż-żewġ każi bl-opera okkorrendo ta' periti nominandi; u

3. tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-atturi dik il-parti mill-prezz likwidata skond it-tieni talba;

— Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Jannar, 1984;

Rat l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fis-sens:

1. Illi l-azzjoni hija preskritta a termini tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1481 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni jekk jirriżulta difett kif allegat ikun jeħtieġ il-kjamat in kawża tad-ditta Gove Tiles Ltd li kienu nkarigati bix-xogħol tal-madum;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi mogħtija fit-23 ta' Mejju 1988 li biha ddeċidiet il-kawża billi qatgħet li għandha tiddeċidi li kellha tirrespinġi t-talbiet attriċi u ordnat li l-ispejjeż in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, kompriżi dawk tal-perizja, jibqgħu bin-nofs bejn il-partijiet u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej u ċjoè:

Illi ukoll wara li rat l-osservazzjonijiet tal-partijiet dwar ir-rapport peritali, hija għadha taqbel ma', taċċetta u tagħmel tagħha l-konklużjoni tiegħu. Iżżid biss, biex tippreċiża l-affarijiet, li:

(a) Mhux il-każ li tillimita l-gravità tad-difett għal meta tkun eżerċitata l-azzjoni redibitorja u mhux ukoll għal meta tkun eżerċitata l-azzjoni stimatorja, u dan peress li l-argumentazzjoni li wasslet għall-evoluzzjoni tad-dotrina fir-rigward ta' l-azzjoni redibitorja japplikaw bl-istess forza fir-rigward ta' l-azzjoni stimatorja. F'dan il-każ jidher, *prima facie*, stess, li d-difett hu ta' ċerta gravità;

(b) B'danakollu l-Qorti ssib li hija marbuta bil-kliem adoperat mil-liġi fir-rigward tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni li mhux marbut ma' xi gravità tad-difett, iżda mad-dati (i) tal-kuntratt u (ii) eċċezzjonijiet biss ma' meta d-difett li ma jidhirx ikun mikxuf. L-artikolu 1431(1) u (2) jistabilixxi:

1. "L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk, li huma immobbli, bl-għeluq ta' sena minn dak inhar tal-kuntratt.....;"

*Omissis;*

2. "Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, il-preskrizzjoni tibda tagħddi minn dak inhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett;"

Konsegwentement, ir-regola hi li ż-żmien jibda jiddekorri mill-ġurnata tal-kuntratt huwa biss eċċezzjonalment li ż-żmien jibda jiddekorri minn dak inhar li x-xerrej ikun seta' jikxef id-difett li ma jidhirx;

Għalhekk, apparti kollox, il-Qorti ma tistax tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni la jirriżulta abondantement li wisq iktar minn sena kien għadda, kemm mid-data tal-kuntratt, kemm mid-data ta' minn meta x-xerrej seta' jikxef id-difett li ma kienx jidher dak in-nhar tal-kuntratt. Dak il-mument ma jistax jintrabat mad-data tar-rapport Perit Muscat Azzopardi iżda minn dik ta' meta x-xerrej seta' *ictu oculi* jara d-difett jiżviluppa u jżid;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi ppreżentata fil-31 ta' Mejju 1988;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-atturi ippreżentata fid-9 ta' Ġunju 1988 li biha talbu li in vista tal-premess, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Mejju, 1988 fil-kawża fl-ismijiet "Edward Fenech *et* vs Gaetano Spiteri" Ċitazzjoni Numru

73/84G billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut appellat, u tilqa' t-talbiet kollha ta' l-atturi. Bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat ir-risposta ta' Gaetano Spiteri għall-appell ta' l-atturi *proprio et nomine* ta' l-20 ta' Ġunju fejn ukoll l-konvenut ipprevalixxa ruħhu mill-appell prinċipali sabiex jagħmel appell inċidentali mis-sentenza tat-23 ta' Mejju 1988 inkwantu ħass ruħhu aggravat fil-kap ta' l-ispejjeż u talab li s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Mejju 1988 fil-kawża fl-ismijiet "Edward Fenech *et nomine et* kontra Gaetano Spiteri" tiġi riformata billi tiġi kkonfermata inkwantu ċaħdet it-talbiet attriċi fil-meritu u tiġi riformata fil-kap ta' l-ispejjeż billi l-atturi jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż kollha. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-kwistjoni ta' meta jibda jiddekorri l-perijodu ta' sena msemmi fl-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili li fih ix-xerrej għandu jġib 'il quddiem l-azzjoni redibitorja u stimatorja. L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħna qalet li r-regola hi li ż-żmien jibda jgħaddi mill-ġurnata li fiha sar il-kuntratt u biss eċċezzjonalment li ż-żmien jibda jiddekorri minn dak in-nhar li x-xerrej ikun seta' jikxef id-difetti li ma jidhrux. L-istess Qorti mbagħad ikkonkludiet li dan il-mument fil-każ preżenti ma jistax jintrabat mar-rapport tal-Perit

Muscat Azzopardi iżda ma' dak ta' meta x-xerrej seta' *"ictu oculi"* jara d-difett jiżviluppa u jżid.

L-appellanti jissottomettu li l-kwalifika "eċċezzjonalment" mogħtija lis-subinċiż (2) ta' l-artikolu 1431 fuq ċitat ma tirriżultax la mil-liġi, la mill-awturi u lanqas mill-ġurisprudenza. Dan l-artikolu jikkontempla alternattiva u ċjoè jew sena mill-kuntratt jew sena minn meta jinkixef id-difett. L-ewwel Qorti qalet li l-mument propizju hu meta x-xerrej seta' *"ictu oculi"* jara d-difett, jiżviluppa u jżid;

Għall-fini ta' l-azzjoni stimatorja d-difett riklamat irid ikun kemm gravi kif ukoll okkult. Huma qegħdin isostnu li meta wieħed jara moviment fil-madum li ġeneralment jaggrava bix-xita, għandu jħalli jgħaddi aktar minn xitwa waħda u dan sabiex ikun jista' jiġi stabbilit l-entità tad-difett qabel jesperixxi l-azzjoni stimatorja. F'dan il-perijodu jekk id-difett ikun gravi, jiżviluppa u jiżdied kif ġara f'dan il-każ. L-appellanti għalhekk isostnu li d-data li fiha huma kellhom il-potenzjal u l-kwalifiki kollha rikjesta mil-liġi biex tirnexxi l-azzjoni tagħhom hi dik taċ-ċertifikat tal-Perit Muscat Azzopardi u ċjoè 14 ta' Novembru 1983 u huma ppreżentaw iċ-ċitazzjoni tagħhom fl-24 ta' Jannar 1984;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti appellati fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom eċċipew il-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 1431 tal-Kodiċi Ċivili *subinċiż* (2) skond dan l-artikolu subinċiż (1) l-azzjoni stimatorja għal dawk li huma immobbli taqa' bl-għeluq ta' sena mill-kuntratt. Is-subinċiż (2) imbagħad jiddisponi li jekk ma setax

ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, ż-żmien tal-preskrizzjoni ma jibdiex jgħaddi ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett. Il-kwistjoni kollha quddiem il-Qorti għalhekk hija f'meta seta' kien li l-appellanti jikxfu d-difett in kwistjoni u kwindi beda jiddekorri kontra tagħhom it-terminu stipulat fl-artikolu fuq ċitat;

Mill-provi jirriżulta li l-atturi kienu akkwistaw il-fond in kwistjoni mingħand il-konvenut b'kuntratt pubblikat min-Nutar Bonello Du Puis fit-8 ta' Marzu 1979. Meta l-atturi xtraw l-istess fond, id-difett in kwistjoni ma kienx għadu tfaċċa. Jidher li dawn raw il-fond *"de quo"* sew qabel sar il-kuntratt tal-bejgħ, billi xi membru tal-familja tagħhom kien ċedielu l-madum u wieħed minnhom, Anthony Debono kien kuntrattur tal-bini. L-attur Edward Fenech jgħid li meta għadda ftit taż-żmien huwa ra xi moviment fil-madum fis-sens li l-madum beda jinqata' minn mal-ħitan. Carmelina Debono tgħid li meta daħlu fil-post, il-madum ta' l-art kien perfett u ma kien hemm xejn x'jindika li kien hemm xi ħaġa ħażina;

Din l-attriċi kompliet tgħid li f'Novembru ta' l-istess sena ta' l-akkwist ma' l-ewwel xita, bdew jindunaw li l-madum kien qiegħed jinqasam minn mal-ħajt. Anthony Debono l-attur l-ieħor huwa kuntrattur tal-bini u din hija l-linja tiegħu. Dan qal li xi sitt xhur wara li kienu daħlu fil-fond *"de quo"* l-madum tal-kuriduri beda jaqta' minn mal-ħajt u jiżżaqqaq lejn in-nofs. Il-Qorti taqbel mal-perit ġudizzjarju u toqgħod fuq dak li qalet l-attriċi Carmelina Debono fis-sens li huma bdew jindunaw bil-qtugħ tal-madum minn mal-ħajt għall-ħabta ta' Novembru 1979 wara l-ewwel xita;

Id-difett in kwistjoni jidher li baqa' jidher iżda, kien wara ħafna żmien li l-atturi fl-aħħar iddeċidew li jqabbdu perit biex jeżamina l-fond in kwistjoni u jistabbilixxu f'hiex kien jikkonsisti d-difett fil-madum. Iċ-ċertifikat irrilaxxjat minnu jinsab esibit a fol. 6 tal-proċess. Minn eżami ta' dan jirriżulta li l-madum tal-fond *"de quo"* kien ċeda u niżel f'diversi ambjenti tiegħu. L-ispjegazzjoni li ta l-Perit Muscat Azzopardi għal dan kien li l-irdim ta' taħt il-madum għall-ewwel, ma kienx għadu ssetiljat (kien frisk) u l-moviment sar wara li ġie mqiegħed il-madum. L-entità tal-moviment kien jiddependi ukoll mill-volum ta' l-ilma li jgħaddi minn taħt. Mix-xhieda ta' l-attur Edward Fenech (fol. 46) jirriżulta li l-fond adjaċenti ma kienx għadu ġie mibni;

Iċ-ċertifikat tal-perit fuq imsemmi jġib id-data tal-14 ta' Novembru 1983 jiġifieri ċirka erba' snin wara li l-atturi kienu ndunaw bil-moviment tal-madum. Issa skond l-istess Perit, huwa kien mar darba biss fil-post u dan kien meta għamel iċ-ċertifikat. Dan ifisser li l-atturi minn xi Novembru 1979, għad li huma kienu indunaw li kien hemm id-difett lamentat fil-madum, qagħdu inerti sa Novembru 1983 meta fl-aħħar qabbdu lill-Perit Muscat Azzopardi biex jindaga dwaru. Kull ma għamlu fl-intervall kien li jilmentaw mal-konvenut x'aktarx kull meta jmorru jħallsuh iċ-ċens, dwar il-moviment tal-madum li baqa' jiżviluppa u fl-aħħar fl-24 ta' Jannar 1984 huma ppreżentaw iċ-ċitazzjoni. L-appellanti jsostnu li huma għamlu hekk biex iħallu d-difett in kwistjoni jkompli jiżviluppa biex huma jkollhom il-kwalifiki kollha li trid il-liġi biex tiġi esperita din l-azzjoni;

It-terminu ta' sena imsemmi fl-artikolu 1431(2) tal-Kodiċi Ċivili, biex ix-xerrej ikun jista' jġib 'il quddiem l-azzjoni tiegħu jibda jiddekorri minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dan

id-difett. Dan it-terminu huwa terminu ta' dekadenza u għalhekk huwa perentorju (ara Camilleri *noe* vs Calascione *noe* (Vol. XXXVIII. p. III. Paġ. 723). Issa l-atturi kienu ilhom li ndunaw li kien hemm movimenti fil-madum sa minn Novembru 1979 u għalhekk setgħu faċilment jikkonstataw l-entità tiegħu minn dak iż-żmien u dana billi jqabbdu perit biex jeżamina l-madum u l-fond in kwistjoni kif effettivament għamlu ċirka erba' snin wara. Malli l-madum beda jċedi u jaqta' minn mal-ħajt id-difett ma kienx okkult, *"la semplice possibilità di scoprirlo basta perchè non sia occulta. Poco importa anche la scoperta del vizio offra qualche difficoltà: la semplice possibiltà di scoprirlo basta perchè non sia occulto" (ara Baudry Lacantinerie Della Vendita para 418 paġ. 439);*

Dan jidher li hu konformi ukoll mal-ġurisprudenza tagħna. In fatti l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fil-kawża "Cuschieri vs Gauci *nomine* deċiża fil-21 ta' Mejju 1934 qalet li *"l'eccezione alla regola generale della decorrenza del termine dalla consegna nel caso in cui il compratore fosse stato nella impossibiltà di conoscere il vizio, è di stretta interpretazione, e non si può ammettere l'esistenza della impossibiltà di conoscere il vizio quando l'ignoranza di questo è dovuta a colpa del compratore"* (Vol. XXVII p. 111, paġ. 1337). Fil-fehma tal-Qorti, mill-provi jidher li meta ġiet inizjata l-azzjoni ta' l-atturi t-terminu imsemmi fl-artikolu 1431 kien ġa skada;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti ressqu aggravju ieħor dwar is-sentenza appellata. Huma jissottomettu li l-ewwel Qorti injorat għal kollox li f'dan il-każ kien hemm rinunzja tal-preskrizzjoni da parti tal-

konvenut. Huma jsostnu li mid-depożizzjonijiet ta' l-atturi jirriżulta li l-partijiet mhux biss tkellmu fuq il-ħsarat iżda ma ftehmux sempliċement fuq *il-quantum*. *Huma jsostnu ukoll li* l-konvenut fil-bidu kien qalilhom li kien ser jibgħat raġel però baqa' ma bagħtux u sussegwentement offrilhom li jpartu ċ-ċens fuq il-post *"de quo"* ma l-ispiża biex jitranġa d-difett;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti rriferew għax-xhieda mogħtija minnhom stess. Issa Edward Fenech (fol. 47) jgħid li kienu bagħtu jgħidu lill-konvenuti bid-difett *"de quo"* u biex isewwilhom, lill-attriċi Carmelina Debono u oħtha Doris u li l-konvenut kien aċċetta. *Jidher li dan kien ftit taż-żmien* wara li kienu raw moviment fil-madum, jiġifieri għal xi Novembru/Diċembru 1979 Carmelina Debono tgħid li f'Novembru 1979 kienu raw li l-madum kien qiegħed jinqasam u kienet marret tkellem lill-konvenut ma' oħtha u n-neputi. Fil-fatt, però din ma qaletx fix-xhieda tagħha li l-konvenut kien aċċetta li jsewwi. Kull ma qalet din, kien li wara *li l-perit kien ħareġ iċ-ċertifikat a fol. 6 l-konvenut kien offra* li jpartu ċ-ċens max-xogħol involut. Jidher ukoll li Edward Fenech ma jinstabx korroborat f'dak li qal, lanqas mix-xhieda ta' Anthony Debono. Skond dan kull ma qalilhom il-konvenut meta marru jkellmuh kien li kellu jmur jara x'kien hemm u sa fejn jaf hu dan ma kien mar qatt, (fol. 50). Min-naħa tiegħu l-konvenut jgħid li ilmenti miegħu saru aktar minn darba iżda hu qatt ma kien obbliga ruħhu magħhom;

Minn dak li ntqal aktar 'il fuq għalhekk wieħed ma jistax jikkonkludi li l-konvenut kien irrinunzja għall-preskrizzjoni. *Lanqas ma jista'* wieħed jgħid li dan kien irrikonoxxa l-vizzju

b'mod inekwivoku. Issa fis-sentenza aktar 'il fuq ċitata "Camilleri vs Calascione (Kummerċ) intqal mill-Qorti li "Lanqas it-trattativi li jistgħu jkunu hemm bejn iż-żewġt kontraenti waqt id-dekorrenza taż-żmien biex jirranġaw jew jirrżolvu l-kwistjoni, ma jistgħu jkollhom effikaċja interruttiva ammenocchè bħala effett u fil-kors ta' dawk it-trattativi u fil-waqt li jkun għaddej iż-żmien il-Venditur ma jkunx irrikonoxxa, u ma jkunx ikkuntrasta l-eżistenza tal-vizzju; b'mod li, biex il-kompratur jista' jsostni l-azzjoni tiegħu proposta wara d-dekors taż-żmien jeħtieġlu jipprova illi huwa, fiż-żmien utili, informa lill-Venditur bil-vizzju tal-ħaġa u li dan, f'dan iż-żmien ipprometta li jieħu l-ħaġa lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-eżistenza tal-vizzju". Dwar ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur, il-Qorti fl-istess sentenza qalet li dan "biex jissospendi d-dekadenza, irid ikun ċar, formali, espliċitu, u inkondizzjonat". (ara Vol. XXXVIII p. 111 paġ. 723);

Issa mill-provi prodotti ma jirriżultax li l-konvenut qatt irrikonoxxa l-vizzju in kwistjoni u pprometta li jirrimedja għalih fit-terminu u mod kif semmiet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza ċitata;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut appellat fir-risposta tiegħu għall-appell ta' l-atturi appellanti, ipprevalixxa ruħhu mill-appell prinċipali biex jagħmel appell inċidentali mis-sentenza tat-23 ta' Mejju 1988, in kwantu ħass ruħu aggravat fil-Kap. ta' l-ispejjeż. Huwa jissottometti li kif jidher mis-sentenza appellata, t-talbiet attriċi ġew kollha miċħuda u għalhekk ma kien hemm ebda raġuni għal fejn l-ewwel Qorti takkollalu nofs l-ispejjeż tal-kawża. Jew l-atturi

kellhom raġun jagħmlu din il-kawża jew ma kellhomx. Jekk ma kellhomx ma seta' jkun hemm ebda raġuni valida biex il-Qorti taqsam il-ispejjeż bejn il-partijiet;

Jista' jingħad mill-ewwel li l-appell inċidentali tal-konvenut għandu jiġi milqugħ. In fatti biex l-ewwel Qorti waslet biex tiċħad it-talbiet kollha attriċi din laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni attriċi kienet tinsab preskritta *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 1481 (illum 1431) tal-Kodiċi Ċivili. Issa jekk l-atturi aġixxew meta l-azzjoni tagħhom kienet preskritta, allura joħroġ waħdu li għandhom ibatu l-ispejjeż tal-kawża. Kif jgħid il-konvenut appellant ma hemm ebda raġuni valida għaliex għandu jbati parti mill-ispejjeż;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell prinċipali ta' l-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fit-23 ta' Mejju 1988 in kwantu din ċaħdet it-talbiet attriċi fil-meritu, u billi tilqa' l-appell inċidentali tal-konvenut appellat u tirriformaha fil-kap ta' l-ispejjeż fejn ordnat li l-ispejjeż kompriżi dawk tal-perizja jibqgħu bin-nofs bejn il-partijiet, u billi minflok tordna li l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jiġu sopportati mill-atturi appellanti, l-ispejjeż ta' l-appell prinċipali kif ukoll dawk ta' l-appell inċidentali għandhom jiġu kollha sopportati mill-atturi.